**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 5 ta' Lulju 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sergio Pisani)**

**Vs**

**Steven Zerafa**

**Il-Qorti**;

Rat li l-imputat **Steven Zerafa** detentur tal-karta tal-identita` 459577M, gie akkuzat talli fl-10 ta' Marzu, 2017 u fil-jiem, gimghat, xhur u snin ta' qabel din id-data fl- XTC VRT station, Xagħjra Road, Zabbar u f'dawn il-gzejjer b'diversi atti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, maghmulin minnek ukoll jekk fi zminijiet differenti u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda kif dedott fl-Artiklu 18 u aktar billi rendejt ruħek komplici fl-akkuzi odjerni hawn taħt skond Artiklu 42 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

I. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi wiegħedt, tajt jew offrejt, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi persuna oħra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaċi li jagħmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-subtitolu u ta' xi persuna oħra, sabiex iġiegħel lil dik il-persuna oħra

teserċita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor, u dan bi ksur tal-artikolu 121A(1) tal-Kapitlu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

II. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi xjentement għamel użu minn dokument dikjarazzjoni jew ċertifikat, għamel jew ta dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz meta ma kienx uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż ta' awtorità, cioe Certifikat tal-VRT lill-Awtorita tat-Transport u dan bi ksur tal-artikolu 186 tal-Kapitlu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

III. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, cioe certifikat tal-VRT u dan bi ksur tal-artikolu 188 tal-Kapitlu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

IV. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 179, jghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista'tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli, cioe certifikat tal-VRT u dan bi ksur tal-artikolu 187(1) tal-Kapitlu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

V. U aktar talli sar recidiv wara li gie ikkundanat ghal reat b'diveri sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jiġu mibdula u dan ai termini tal-Artikoli 49 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Onorabli Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra t' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tat-30 ta' Marzu 2017 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bir-rit sommarju;

Rat l-atti u d-dokumenti u semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta’ Marzu 2017 fejn *inter alia* l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li, wara li qies sew dak li irrizultalu waqt l-investigazzjonijiet in konnessjoni ma din il-kawza, kien qieghed jirtira l-ewwel imputazzjoni u cioe’ dik li tirreferi ghar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 121A(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet sussegwentament l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijet (ii), (iii), (iv) u (v) anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni, u dana kollu sehh fl-udjenza tat-30 ta’ Marzu 2017.

Qieset il-verbal taghha tat-30 ta’ Marzu 2017 fejn gie ordnat li jithejja fil-konfront ta’ l-imputat *pre-sentencing enquiry report* minn naha tad-Direttur tal-Probation u Parole.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena u/jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet gia indikati migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew il-provi dokumentarji imressqa, partikolarment izda mhux biss l-istqarrija ta’ l-imputat stess, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet imsemmija migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra :

1. l-fattur tal-ammissjoni ta` l-imputat li ghandha titqies bhala wahda bikrija ghaliex dina saret fl-ewwel opportunita’ li huwa kellhu;
2. In-natura serja tar-reati kommessi;
3. Il-fedina penali ta` l-imputat;
4. Il-fatt li l-imputat ikkopera bis-shieh mal-pulizija waqt l-investigazzjonijiet kondotti;
5. Qeghda tqis pero`, b’attenzjoni partikolari, id-depozizzjoniji tal-ufficjal tal-Probation Maria Mifsud u r-rapport minnha esebit fl-udjenza ta’ llum stess.

Dawn ghandhom piz sostanzjali f'dan l-istadju tal-kontemplazzjoni ta' x'ghandha tkun l-ahjar sanzjoni f'dan il-kaz.

Minn evalwazzjoni dettaljata li saret minn naha tad-dipartiment tal-probation dwar l-imputat, kif ampjament riflessa fir-rapport tal-ufficjal tal-probation Maria Mifsud, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-imputat jinsab ghaddejj fit-triq it-tajba u kkopera bis-shih waqt dawn l-*assessments*. Dan juri lil din il-Qorti li l-imputat lest ghal kull ghajnuna u lest jikkopera. Aktar importanti minn hekk, dan kollu ifisser li effettivament l-imputat gab ruhu b'tali mod, li jindika b'mod car li huwa kandidat tajjeb sabiex jinghata ***a window of opportunity*** - (vide Appell Kriminali Nru 245/2000 VDG, 'Il-Pulizija vs George Farrugia', deciza 18/01/2001).

Illi, fid-dawl ta` dak hawn fuq espost, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkonsidra piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija u hi tal-fehma, liema fehma hija msejsa fuq l-informazzjoni dettaljata moghtija dwar l-imputat fir-rapport gia hawn fuq imsemmi, li l-imputat ghandu jigi ordnat jaghmel xoghol komunitarju, liema sanzjoni, fil-fehema ta` din il-Qorti, hija gusta u ekwa, u li tindirizza l-htigijiet ta` l-imputat (li jinghata direzzjoni u jkollu fuqu kontroll) u tas-socjeta` in generali, aktar minn dik ta' prigunerija.

Ghalhekk, sabiex l-ghan ahhari tal-Gustizzja jintlahaq f'dan il-kaz, hija l-fehema ta` din il-Qorti li ghandu jkun hemm, fil-konfront ta` l-imputat, Ordni ta' Servizz fil-Komunita' skond l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk ikun jista' jigi zgurat li l-imputat ikun qed jaghmel att ta' riparazzjoni lejn is-socjeta. U konsegwentament wkoll huwa jkun taht il-kontroll tal-Ligi.

## Konkluzjoni

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 186, 187(1), 179 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **issib lil Steven Zerafa, mhux hati ta' l-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah skond il-Ligi, izda fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha kif dedotti kontra tieghu, u** tordna li, *ai termini* ta' Arikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht

ordni ta’ servizz fil-komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mija u hamsin (150) siegha f’dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-ufficcju tal-*probation*, u bil-kundizzjonjiet li jidhrilhom li ghandhom jimponu, minn zmien ghal zmien, l-ufficcju tal-probation skond il-Ligi.

Dan l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-importanza ta’ din l-ordni u wissietu x’inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma’ joqghodx ghal kundizzjonijiet ta’ dan l-ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall-kundizzjonijiet ta’ dan l-ordni.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex tkun tista tigi esegwita din is-Sentenza u dan l-ordni.

Dr Ian Farrugia LL.D
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur